MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tas-27 ta' Novembru, 2014

Citazzjoni Numru. 937/2014

**Prime Ltd (C329)**

**-vs-**

**EROM Trading Ltd (C65591)**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors guramentat minn James Muscat in rappreżentanza tas-socjeta' rikorrenti Prime Ltd (C329) tas-27 t'Ottubru, 2014 li jaqra hekk:

1. *Illi fil-perjodu ta' bejn April u Ottubru tas-sena elfejn u erbatax (2014) is-socjeta' rikorrenti, fil-kors tan-negozju taghha u fuq ordni tas-socjeta' intimata, ikkonsenjat merkanzja lill-istess socjeta' intimata, b'dan illi l-intimata hija debitrici tar-rikorrenti fis-somma ta' tnejn u ghoxrin elf erba' mija u dsatax-il Euro u tlieta u erbghin centezmu (€22,419.43), bilanc ta'somma ikbar prezz tal-istess merkanzija, u dan skond l-'istatement' hawn anness u mmarkat bhala Dok. PL1.*

2. *Illi dan il-bilanc ta' tnejn u ghoxrin elf erba' mija u dsatax-il Euro u tlieta u erbghin centezmu (€22,419.43) baqa' dovut sallum.*

3. *Illi ghalhekk s-socjeta' intimata ghandha thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma totali ta' tnejn u ghoxrin elf erba' mija u dsatax-il Euro u tlieta u erbghin centezmu (€22,419.43).*

4. *Illi l-ammont dovut favur is-socjeta rikorrenti huwa cert, likwidu u dovut, u fil- fehma tal-istess socjeta' rikorrenti jikkonkorru l-elementi kollha taht l-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta'Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta), peress li fil-fehma tas-socjeta rikorrenti s-socjeta' intimata m'ghandha l-ebda eccezzjoni valida skond il-ligi xi tressaq kontra t-talbiet rikorrenti.*

*Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tghid is-socjeta' intimata, ghaliex dina l- Onorabbli Qorti m'ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:*

1) *Tiddeciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal-**Artikoli 167 sa 170** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);*

2) *Tiddikjara li s-socjeta' intimata ghandha taghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf erba' mija u dsatax-il Euro u tlieta u erbghin centezmu (€22,419.43), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

3) *Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf erba' mija u dsatax-il Euro u tlieta u erbghin centezmu (€22,419.43), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.*

*Bl-ispejjez kollha, u bl-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess socjeta intimata, Ii r-rapprezentanti taghha huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni."*

Rat il-lista tax-xhieda ndikati mis-socjeta' rikorrenti u l-elenku ta' dokumenti esebiti mar-rikors promotur;
Rat id-digiet taghha tad-29 ta'Ottubru 2014  fejn appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghal nhar il-Hamis 27 t'Ottubru 2014 fil-9:40am;

Rat illi l-atti tar-rikors guramentat, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lis-socjeta’ intimata skond il-ligi;

Rat in-nota tas-socjeta’ intimata tas-27 ta’Novembru 2014 li permezz ammettiet it-talbiet kif dedotti ;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kaz;

**Ikkonsidrat:**

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti mis-socjeta’ rikorrenti Prime Ltd u cioe’ Dok. PL1 – statement ta’ dak kollu dovut lis-socjeta’ rikorrenti.

Dawn il-provi ma huma bl-ebda mod kontradetti anzi jirrizulta illi s-socjeta’ intimata , permezz tan-nota taghha tas-27 ta’Novembru 2014, ammettiet t-talbiet tas-socjeta rikorrenti.

**Ghall dawn il-motivi l-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi:**

1) **Tiddeciedi din l-kawza bid-dispensa tas-smiegh, ghall-finijiet tal-Artikoli 167 sa 170 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta);**

2) **Tiddikjara li s-socjeta' intimata ghandha taghti lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf erba' mija u dsatax-il Euro u tlieta u erbghin centezmu (€22,419.43), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.**

3) **Tikkundanna lis-socjeta' intimata thallas lis-socjeta' rikorrenti s-somma ta' tnejn u ghoxrin elf erba' mija u dsatax-il Euro u tlieta u erbghin centezmu (€22,419.43), u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha.**

**Bl-ispejjez kollha, u bl-imghaxijiet legali kontra s-socjeta’ rikorrenti.**

**Moqrija.**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------